# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
## SEDE CIVILI

**MAGISTRAT**

**DR. DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 8 TA' FRAR 2002**

**Numru 31**

**Avviz numru 891/01DM**

**Hal Mann Limited**

**vs**

**Salvatore u Maria Assunta konjugi Mifsud**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-konvenuti ghal hlas flimkien in solidum bejniethom, tas-somma ta' elf hames mija sebgha u sittin liri maltin u tmienja u hamsin centezmu (Lm1,567.58), rapprezentanti l-valur ta' sanitary ware u accessorji mibjugha u konsenjati lilhom mis-socjeta' attrici fuq inkarigu taghhom stess ai termini tal-ftehim datat 7 ta' Dicembru 1999.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 3 t'April 2001 u tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju numru 2663/01 u bl-imghax legali mit-3 t'April 2001 sad-data tal-effettiv pagament.

Rat illi l-konvenuti debitament notifikati ma dehrux biex jikkontestaw t-talba attrici, lanqas ma dehru fis-seduta tallum biex jirrispondu ghad-domandi in subizzjoni li ghalihom gew ingunti;

Ghaldaqstant issib li t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

U l-Qorti qeghda tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti ihallsu lill-atturi is-somma mitluba ta' elf hames mija sebgha u sittin lira Maltin u tmienja u hamsin centezmi ghar-ragunijiet indikati fl-avviz; bl-imghaxijiet legali b'effett mit-3 t'April, 2001; u

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

Magistrat

A. Farrugia
Dep.Reg.

va